

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, ...
Ċ

Abbozz

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

tal-...]

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru .../... li jistabbilixxi regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operazzjonali dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2096/2005, (KE) Nru 1794/2006, (KE) Nru 730/2006, (KE) Nru 1033/2006 u (UE) Nru 255/2010

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

tal-...]

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru .../... li jistabbilixxi regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operazzjonali dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2096/2005, (KE) Nru 1794/2006, (KE) Nru 730/2006, (KE) Nru 1033/2006 u (UE) Nru 255/2010

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew, kif emendat bir-Regolament Nru 1070/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004, (KE) Nru 551/2004 u (KE) Nru 552/2004 biex itejjeb il-prestazzjoni u s-sostenibbiltà tas-sistema Ewropea tal-avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem ir-'Regolament qafas')⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 8 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew, kif emendat bir-Regolament Nru 1070/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004, (KE) Nru 551/2004 u (KE) Nru 552/2004 biex itejjeb il-prestazzjoni u s-sostenibbiltà tas-sistema Ewropea tal-avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem ir-'Regolament tal-ispazju tal-arja')⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 (minn hawn 'il quddiem ir-'Regolament Bażiku tal-EASA'), u b'mod partikolari l-Artikoli 8a u 8b u l-Anness Vb tiegħu,

¹ ĠU L 300, 14.11.2009, p. 34.

² ĠU L 300, 14.11.2009, p. 34.

Artikolu 1

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru .../... ġie emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2, ġew miżjuda d-definizzjonijiet li ġejjin:

“osservazzjoni mill-inġenju tal-ajru” tfisser l-evalwazzjoni ta’ wieħed jew aktar elementi meteoroloġiċi li ssir minn inġenju tal-ajru waqt titjira.

“Informazzjoni AIRMET” tfisser l-informazzjoni maħruġa mill-uffiċċju għall-ħarsien meteoroloġiku rigward l-okkorrenza jew l-okkorrenza mistennija ta’ fenomeni speċifikati waqt ir-rotta fit-temp li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà ta’ operazzjonijiet ta’ inġenju tal-ajru ta’ livell baxx u li ma kinitx diġà inkluża fit-tbassir maħruġ għal titjiriet ta’ livell baxx fir-reġjun ta’ informazzjoni dwar it-titjir ikkonċernat jew sub-żona tiegħu.

“rapport dwar l-ajru” tfisser rapport minn inġenju tal-ajru waqt titjira mħejji f’konformità mar-rekwiżiti għall-pożizzjoni, u r-rappurtar operazzjonali u/jew meteoroloġiku.

“istruzzjoni ta’ kontroll tat-traffiku tal-ajru” tfisser direttivi maħruġa mill-kontroll tat-traffiku tal-ajru għall-iskop li jitolbu lil bdot jieħu azzjoni speċifika.

“servizz ta’ informazzjoni b’terminal awtomatiku (ATIS)” tfisser il-provvista awtomatika ta’ informazzjoni attwali u ta’ rutina lill-inġenji tal-ajru li se jaslu jew li se jtilqu matul 24 siegħa jew parti speċifikata tagħhom:

- a. “Servizz ta’ informazzjoni b’terminal awtomatiku għall-kollegament tad-dejta (D-ATIS)” tfisser il-provvista ta’ ATIS permezz ta’ kollegament tad-dejta.
- b. “Servizz ta’ informazzjoni b’terminal ta’ vuċi awtomatika (Vuċi-ATIS)” tfisser il-provvista ta’ ATIS permezz ta’ xandiriet kontinwi u repetittivi bil-vuċi.

“limitu ta’ awtorizzazzjoni” tfisser il-punt sa fejn inġenju tal-ajru jista’ jingħata awtorizzazzjoni mill-kontroll tat-traffiku tal-ajru.

“awtorizzazzjoni *downstream*” tfisser awtorizzazzjoni maħruġa lil inġenju tal-ajru minn unità ta’ kontroll tat-traffiku tal-ajru li mhijiex l-awtorità ta’ kontroll kurrenti ta’ dak l-inġenju tal-ajru.

“sħaba ta’ importanza operazzjonali” tfisser sħaba b’għoli ta’ bażi tal-isħaba taħt l-1 500 m (5 000 pied) jew taħt l-ogħla valur minimu tal-altitudni tas-settur, liema minnhom ikun l-akbar, jew sħaba *cumulonimbus* jew sħaba *cumulus* għolja fi kwalunkwe għoli.

“tbassir” tfisser sqarrija tal-kundizzjonijiet meteoroloġiċi mistennija għal ħin jew perjodu speċifikat, u għal żona jew parti speċifikata tal-ispazju tal-ajru.

“żona obligatorja għar-radju (RMZ)” tfisser spazju tal-ajru b’dimensjonijiet definiti fejn il-ġarr u t-tħaddim ta’ tagħmir bir-radju huwa obligatorju.

“servizz ta’ navigazzjoni bir-radju” tfisser servizz li jipprovdi informazzjoni ta’ gwida jew dejta dwar il-pożizzjoni għat-tħaddim b’mod sigur u effiċjenti ta’ inġenju tal-ajru permezz ta’ għajnuna waħda ta’ navigazzjoni bir-radju jew aktar.

“il-medda viżwali tar-*runway* (RVR)” tfisser il-medda li minnha bdot ta’ inġenju tal-ajru li jinsab fuq il-linja taċ-ċentru ta’ *runway*, jista’ jara l-marki fuq il-wiċċ tar-*runway* jew id-dwal li jillimitaw *runway* jew jidentifika l-linja taċ-ċentru tagħha.

‘Informazzjoni SIGMET’ tfisser informazzjoni maħruġa mill-uffiċċju għall-ħarsien meteoroloġiku rigward l-okkorrenza jew l-okkorrenza mistennija ta’ fenomeni speċifikati waqt ir-rotta fit-temp li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà ta’ operazzjonijiet ta’ inġenju tal-ajru.

‘inġenju tal-ajru mitluf’ tfisser inġenju tal-ajru li wettaq devjazzjoni b’mod sinifikanti mit-trajettorja maħsuba tiegħu jew li huwa rappurtat bħala mitluf.

‘konsulenza dwar l-evitar tat-traffiku’ tfisser parir mogħti mill-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li jispeċifika manuvri li jgħinu lill-bdot jevita kollizzjoni.

‘informazzjoni dwar it-traffiku’ tfisser informazzjoni maħruġa minn unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru biex twissi lil bdot dwar traffiku tal-ajru ieħor li huwa magħruf jew osservat li jista’ jkun qrib il-pożizzjoni jew ir-rotta pplanata tat-titjira u biex tgħin lill-bdot jevita kollizzjoni.

‘trasferiment tal-punt ta’ kontroll’ tfisser punt definit li jinsab tul il-passaġġ tat-titjira ta’ inġenju tal-ajru, li fih ir-responsabbiltà li jiġi pprovdut servizz ta’ kontroll tat-traffiku tal-ajru lill-inġenju tal-ajru tiġi trasferita minn unità ta’ kontroll jew pożizzjoni ta’ kontroll għall-oħra.

‘livell ta’ tranżizzjoni’ tfisser il-livell tat-titjira l-aktar baxx li jista’ jintuża ’l fuq mill-altitudni ta’ tranżizzjoni.

‘żona obbligatorja għat-transponder (TMZ)’ tfisser spazju tal-ajru b’dimensjonijiet definiti fejn il-ġarr u t-tħaddim ta’ transponders li jirrappurtaw l-altitudni tal-pessjoni huwa obbligatorju.

‘inġenju tal-ajru mhux identifikat’ tfisser inġenju tal-ajru li ġie osservat jew rappurtat li qed jopera f’ żona partikolari, iżda li l-identità tiegħu ma ġietx stabbilita.”

2. Fl-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru .../..., hija mdaħħla Parti B skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. Għandu jibda japplika mill-[XX/XX/XX].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Kummissjoni

[...]

Il-President

ANNEX

Parti B — Rekwiżiti li jirrigwardaw is-servizzi fin-navigazzjoni bl-ajru

Kapitolu 1 — Servizzi tat-traffiku tal-ajru

1.1 Ġenerali

1.1.1 Għanijiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru

1.1.1.1 L-għanijiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom ikunu li:

- a) jipprevjenu l-kollizzjonijiet bejn inġenji tal-ajru;
- b) jipprevjenu l-kollizzjonijiet bejn inġenji tal-ajru fuq iż-żona ta' mmanuvrar u jħarsu li ma jkunx hemm ostakli fuq din iż-żona;
- ċ) iħaffu u jżommu fluss ordnat ta' traffiku tal-ajru;
- d) jipprovdu pariri u informazzjoni utli għat-tmexxija sigura u effiċjenti tat-titjiriet;
- e) jinnotifikaw lill-organizzazzjonijiet xierqa dwar inġenji tal-ajru li jkunu jeħtieġu għajnuna ta' tiftix u salvataġġ, u jgħinu lil dawn l-organizzazzjonijiet kif ikun meħtieġ.

1.1.2 Koordinazzjoni bejn l-operatur ta' inġenju tal-ajru u s-servizzi tat-traffiku tal-ajru

1.1.2.1 L-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, fit-twettiq tal-għanijiet tagħhom, għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-operaturi ta' inġenju tal-ajru konsegwenti għall-obbligi tagħhom kif speċifikat fir-regoli rilevanti tal-Unjoni Ewropea dwar l-Operazzjonijiet tal-Ajru, u, jekk l-operaturi ta' inġenji tal-ajru jkunu jitolbu dan, għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom jew għar-rappreżentanti maħtura tagħhom din l-informazzjoni peress li tkun tista' tippermetti lilhom jew ir-rappreżentanti maħtura tagħhom iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom.

1.1.2.2 Meta l-operatur ta' inġenju tal-ajru jitlob dan, il-messaġġi (inklużi rapporti dwar il-pożizzjoni) riċevuti mill-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u li jirrigwardaw it-tħaddim tal-inġenju tal-ajru li għalih is-servizz ta' kontroll operattiv huwa pprovdut minn dak l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandhom, sa fejn ikun prattikabbli, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni minnufih tal-operatur tal-inġenju tal-ajru jew ta' rappreżentant maħtur skont proċeduri miftiehma lokalment.

1.1.3 Il-ħin fis-servizzi tat-traffiku tal-ajru

1.1.3.1 Qabel ma inġenju tal-ajru jinsaq sabiex iwettaq tluġh, it-torrijiet ta' kontroll tal-ajrudrom għandhom jipprovdu lill-bdot bil-ħin korrett, sakemm ma jkunx intlaħaq ftehim biex il-bdot jikseb il-ħin minn sorsi oħra. Barra minn hekk, l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, meta jkunu mitluba, għandhom jipprovdu lill-inġenju tal-ajru bil-ħin korrett. Il-kontrolli tal-ħin għandhom jingħataw sal-eqreb nofs minuta.

1.2 Klassifikazzjoni tal-ispazji tal-ajru

1.2.1 L-Istati Membri għandhom, kif ikun xieraq għall-ħtiġijiet tagħhom, jagħżlu l-ispazju tal-ajru skont il-klassifikazzjoni tal-ispazju tal-ajru li ġejja u skont l-Appendiċi 4:

Klassi A. Titjiriet IFR biss huma permessi. It-titjiriet kollha huma pprovduti b' servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru u huma separati minn xulxin. Komunikazzjonijiet kontinwi bil-vuċi mill-ajru għall-art huma meħtieġa għat-titjiriet kollha. It-titjiriet kollha għandhom ikunu soġġetti għall-awtorizzazzjoni tal-ATC.

Klassi B. Titjiriet IFR u VFR huma permessi. It-titjiriet kollha huma pprovduti b'servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru u huma separati minn xulxin. Komunikazzjonijiet kontinwi bil-voċi mill-ajru għall-art huma meħtieġa għat-titjiriet kollha. It-titjiriet kollha għandhom ikunu soġġetti għall-awtorizzazzjoni tal-ATC.

Klassi Ċ. Titjiriet IFR u VFR huma permessi. It-titjiriet kollha huma pprovduti b'servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru u t-titjiriet IFR huma separati minn titjiriet IFR oħra u minn titjiriet VFR. It-titjiriet VFR huma separati minn titjiriet IFR u jirċievu informazzjoni dwar it-traffiku fir-rigward ta' titjiriet VFR oħra u konsulenza dwar l-evitar tat-traffiku meta jitolbu dan. Komunikazzjonijiet kontinwi bil-voċi mill-ajru għall-art huma meħtieġa għat-titjiriet kollha. Għal titjiriet VFR, limitazzjoni ta' veloċità ta' 250 kts ta' veloċità tal-ajru indikata (IAS) tapplika taħt it-3 050 m (10 000 pied) AMSL. It-titjiriet kollha għandhom ikunu soġġetti għall-awtorizzazzjoni tal-ATC.

Klassi D. Titjiriet IFR u VFR huma permessi u t-titjiriet kollha huma pprovduti b'servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru. Titjiriet IFR huma separati minn titjiriet IFR oħra, jirċievu informazzjoni dwar it-traffiku fir-rigward ta' titjiriet VFR u konsulenza dwar l-evitar tat-traffiku meta jitolbu dan. It-titjiriet VFR jirċievu informazzjoni dwar it-traffiku fir-rigward tat-titjiriet IFR l-oħra kollha u konsulenza dwar l-evitar tat-traffiku meta jitolbu dan. Komunikazzjonijiet kontinwi bil-voċi mill-ajru għall-art huma meħtieġa għat-titjiriet kollha u limitazzjoni ta' veloċità ta' 250 kts IAS tapplika għat-titjiriet kollha taħt it-3 050 m (10 000 pied) AMSL. It-titjiriet kollha għandhom ikunu soġġetti għall-awtorizzazzjoni tal-ATC.

Klassi E. Titjiriet IFR u VFR huma permessi. It-titjiriet IFR huma pprovduti b'servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru u huma separati minn titjiriet IFR oħra. It-titjiriet IFR kollha jirċievu informazzjoni dwar it-traffiku, sa fejn huwa prattiku. Komunikazzjonijiet kontinwi bil-voċi mill-ajru għall-art huma meħtieġa għat-titjiriet IFR. Limitazzjoni ta' veloċità ta' 250 kts IAS tapplika għat-titjiriet kollha taħt it-3 050 m (10 000 pied) AMSL. It-titjiriet IFR għandhom ikunu soġġetti għall-awtorizzazzjoni tal-ATC. Il-Klassi E m'għandhiex tintuża għal żoni ta' kontroll.

Klassi F. Titjiriet IFR u VFR huma permessi. Kull titjira IFR parteċipanti tirċievi servizz ta' konsulenza dwar it-traffiku tal-ajru u t-titjiriet kollha jirċievu servizz ta' informazzjoni dwar titjiriet jekk jitolbu dan. Komunikazzjonijiet kontinwi mill-ajru għall-art bil-voċi huma meħtieġa għat-titjiriet IFR li jipparteċipaw fis-servizz ta' konsulenza u t-titjiriet IFR kollha għandhom ikunu jistgħu jistabbilixxu komunikazzjonijiet bil-voċi mill-ajru għall-art. Limitazzjoni ta' veloċità ta' 250 kts IAS tapplika għat-titjiriet kollha taħt it-3 050 m (10 000 pied) AMSL. Awtorizzazzjoni ATC mhijiex meħtieġa.

Klassi G. Titjiriet IFR u VFR huma permessi u jirċievu servizz ta' informazzjoni dwar it-titjiriet jekk jitolbu dan. It-titjiriet IFR kollha għandhom ikunu jistgħu jistabbilixxu komunikazzjonijiet bil-voċi mill-ajru għall-art. Limitazzjoni ta' veloċità ta' 250 kts IAS tapplika għat-titjiriet kollha taħt it-3 050 m (10 000 pied) AMSL. Awtorizzazzjoni ATC mhijiex meħtieġa.

- 1.2.2 L-implimentazzjoni tal-Klassi F għandha titqies bħala miżura temporanja sakemm jasal iż-żmien li tiġi sostitwita minn klassifikazzjoni alternattiva.

1.3 Rekwiżiti għal komunikazzjonijiet u għat-transponder SSR

1.3.1 Żona Obbligatorja għar-Radju (RMZ)

- 1.3.1.1 It-titjiriet VFR li joperaw fil-partijiet tal-ispazju tal-ajru tal-Klassijiet E, F jew G u t-titjiriet IFR li joperaw fil-partijiet tal-ispazju tal-ajru tal-Klassijiet F jew G magħżula bħala żoni obbligatorja għar-radju (RMZ) mill-awtorità kompetenti għandhom iżommu għassa permezz ta' komunikazzjoni kontinwa mill-ajru għall-art bil-voċi u jistabbilixxu komunikazzjoni bidirezzjonali, kif ikun meħtieġ, fuq il-kanal ta' komunikazzjoni xieraq, sakemm ma jkunux

konformi mad-dispożizzjonijiet alternattivi preskritti għal dak l-ispazju tal-ajru partikolari mill-awtorità kompetenti.

1.3.1.2 Qabel ma inġenju tal-ajru jidħol f'żona obbligatorja għar-radju, il-bdot irid jagħmel sejħa inizjali fuq il-kanal ta' komunikazzjoni xieraq li tkun tinkludi l-għażla tal-istazzjon imsejjaħ, is-sinjal tas-sejħa, it-tip ta' inġenju tal-ajru, il-pożizzjoni, il-livell, l-intenzjonijiet tat-titjira u informazzjoni oħra kif preskritti mill-awtorità kompetenti.

1.3.2 Żona Obbligatorja għat-Transponder (RMZ)

1.3.2.1 It-titjiriet kollha li joperaw fi spazju tal-ajru magħżul mill-awtorità kompetenti bħala żona obbligatorja għat-transponder (TMZ) għandhom iġorru u joperaw transponders SSR li jistgħu jitħaddmu fuq il-Modalitajiet A u C jew fuq il-Modalità S, sakemm ma jkunux konformi mad-dispożizzjonijiet alternattivi preskritti għal dak l-ispazju tal-ajru partikolari mill-awtorità kompetenti.

1.3.3 L-ispazji tal-ajru magħżula bħala żoni obbligatorji għar-radju u/jew żoni obbligatorji għat-transponder għandhom jiġu promulgati kif xieraq fil-Pubblikazzjonijiet ta' Informazzjoni Ajrunawtika.

1.4 Servizz lil inġenju tal-ajru fil-każ ta' emerġenza

1.4.1 Fil-każ ta' inġenju tal-ajru li huwa magħruf jew maħsub li qiegħed fi stat ta' emerġenza, inkluż li ġie soġġett għall-interferenza illegali, l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom jagħtu kunsiderazzjoni, assistenza u prijorità massima lill-inġenju tal-ajru fuq inġenji tal-ajru oħra skont kif ikun meħtieġ fiċ-ċirkostanzi.

1.4.2 Meta sseħħ jew ikun hemm suspett li se sseħħ xi okkorrenza ta' interferenza illegali ma' inġenji tal-ajru, l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom jirrispondu minnufih għat-talbiet tal-inġenju tal-ajru. L-informazzjoni rilevanti għat-tmexxija b'mod sigur tat-titjira għandha tibqa' tiġi trażmessa u għandha tittieħed kull azzjoni meħtieġa biex titħaffef it-tmexxija tal-fażijiet kollha tat-titjira, speċjalment għall-inżul bla periklu tal-inġenju tal-ajru.

1.4.3 Meta sseħħ jew ikun hemm suspett li se sseħħ xi okkorrenza ta' interferenza illegali ma' inġenji tal-ajru, l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom, f'konformità mal-proċeduri miftiehma lokalment, jinfurmaw minnufih lill-awtorità xierqa maħtura mill-Istat u jiskambjaw informazzjoni meħtieġa mal-operatur tal-inġenju tal-ajru jew ir-rappreżentant maħtur tiegħu.

1.5 Kontinġenzi ta' waqt it-titjira

1.5.1 Inġenju tal-ajru mitluf jew mhux identifikat

1.5.1.1 Malli unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru ssir taf b'inġenju tal-ajru mitluf, għandha tieħu l-passi kollha meħtieġa kif deskritt fil-1.5.1.1.1 u l-1.5.1.1.3 sabiex tassisti l-inġenju tal-ajru u biex tissalvagwardja t-titjira tiegħu.

1.5.1.1.1 Jekk il-pożizzjoni tal-inġenju tal-ajru mhux magħrufa, l-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandha:

- a) tipprova tistabbilixxi komunikazzjoni bidirezzjonali mal-inġenju tal-ajru, sakemm tali komunikazzjoni ma tkunx diġà teżisti;
- b) tuża l-mezzi kollha disponibbli sabiex tiddetermina l-pożizzjoni tiegħu;
- ċ) tinforma lill-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru l-oħra li fihom l-inġenju tal-ajru jista' jkun mitluf jew jista' jintilef, b'kont meħud tal-fatturi kollha li setgħu affettwaw in-navigazzjoni tal-inġenju tal-ajru fiċ-ċirkostanzi;

- d) tinforma, f'konformità mal-proċeduri miftiehma lokalment, lill-unitajiet militari xierqa u tipprovdihom il-pjan tat-titjira rilevanti u dejta oħra dwar l-inġenju tal-ajru mitluf;
- e) titlob mingħand l-unitajiet imsemmija f'ċ) u d) u mingħand inġenji tal-ajru oħra li qed itiru, kull assistenza biex tiġi stabbilita komunikazzjoni mal-inġenju tal-ajru u biex tiġi determinata l-pożizzjoni tiegħu.

1.5.1.1.2 Ir-rekwiżiti f'd) u e) għandhom japplikaw ukoll għall-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li ġew informati skont ċ).

1.5.1.1.3 Meta l-pożizzjoni tal-inġenju tal-ajru tiġi stabbilita, l-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandha:

- a) tgħarraf l-inġenju tal-ajru dwar il-pożizzjoni tiegħu u l-azzjoni korrettiva li għandu jieħu. Dan it-tagħrif għandu jiġi provdut minnufih meta l-ATS ikun jaf li hemm il-possibbiltà ta' interċettazzjoni jew ta' xi periklu ieħor għas-sigurtà tal-inġenju tal-ajru; kif ukoll
- b) tipprovdi, kif ikun meħtieġ, unitajiet tat-traffiku tal-ajru oħra u unitajiet militari xierqa b'informazzjoni rilevanti dwar l-inġenju tal-ajru u dwar kull parir mogħti lil dak l-inġenju tal-ajru.

1.5.1.2 Malli l-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru ssir taf b'inġenju tal-ajru mhux identifikat fiż-żona tagħha, għandha tagħmel kull sforz possibbli biex tistabbilixxi l-identità tal-inġenju tal-ajru kull meta dan ikun neċessarju għall-forniment tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jew meħtieġ mill-awtoritajiet militari xierqa skont il-proċeduri miftiehma lokalment. Għal dan l-għan, l-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandha tieħu dawn il-passi hekk kif inhuma xierqa fiċ-ċirkostanzi:

- a) tipprova tistabbilixxi komunikazzjoni bidirezzjonali mal-inġenju tal-ajru;
- b) tinvestiga mal-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru oħra fir-reġjun ta' informazzjoni ta' titjir dwar it-titjira u titlob l-għajnuna tagħhom sabiex tistabbilixxi komunikazzjoni bidirezzjonali mal-inġenju ta-ajru;
- ċ) tinvestiga mal-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li jservu r-reġjuni ta' informazzjoni ta' titjir, li jinsabu fil-qrib, dwar it-titjira u titlob l-għajnuna tagħhom sabiex tistabbilixxi komunikazzjoni bidirezzjonali mal-inġenju ta-ajru;
- d) tipprova tikseb informazzjoni minn inġenji tal-ajru li jinsabu fiż-żona.

1.5.1.2.1 L-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, kif ikun meħtieġ, għandha tinforma l-unità militari xierqa malli l-identità tal-inġenju tal-ajru tiġi stabbilita.

1.5.1.3 Fil-każ ta' inġenju tal-ajru mitluf jew mhux identifikat, il-possibbiltà tal-inġenju tal-ajru li huwa suġġett ta' interferenza illegali għandha tiġi kkunsidrata. Jekk l-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru tikkunsidra li inġenju tal-ajru mitluf jew mhux identifikat jista' jkun is-suġġett ta' interferenza illegali, l-awtorità kompetenti maħtura mill-Istat għandha tiġi infurmata minnufih, skont il-proċeduri miftiehma lokalment.

1.5.2 Interċettazzjoni ta' inġenji tal-ajru ċivili

1.5.2.1 Malli unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru ssir taf li inġenju tal-ajru qed jiġi interċettat fiż-żona tar-responsabbiltà tagħha, hija għandha tieħu dawn il-passi hekk kif inhuma xierqa fiċ-ċirkostanzi:

- a) tipprova tistabbilixxi komunikazzjoni bidirezzjonali mal-inġenju tal-ajru interċettat permezz ta' kull mezz disponibbli, inkluża l-frekwenza tar-radju ta' emerġenza 121.5 MHz, sakemm tali komunikazzjoni ma tkunx diġà teżisti;
- b) tinforma lill-bdot tal-inġenju tal-ajru interċettat dwar l-interċettazzjoni;

- ċ) tistabilixxi kuntatt mal-unità ta' kontroll tal-interċettazzjoni li qed iżżomm komunikazzjoni bidirezzjonali mal-inġenju tal-ajru ta' interċettazzjoni u ttipprovdiha bl-informazzjoni disponibbli dwar l-inġenju tal-ajru;
- d) tittrażmetti messaġġi bejn l-inġenju tal-ajru ta' interċettazzjoni jew l-unità ta' kontroll ta' interċettazzjoni u l-inġenju tal-ajru interċettat, kif ikun meħtieġ;
- e) b'koordinazzjoni mill-qrib mal-unità ta' kontroll tal-interċettazzjoni tiegħu l-passi kollha meħtieġa sabiex tiżgura s-sigurtà tal-inġenju tal-ajru interċettat;
- f) tinforma l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li jservu reġjuni ta' informazzjoni dwar it-titjir, li jinsabu fil-qrib, jekk ikun maħsub li l-inġenju tal-ajru ntilef f'dawn ir-reġjuni ta' informazzjoni dwar it-titjir.

1.5.2.2 Malli unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru ssir taf li inġenju tal-ajru qed jiġi interċettat barra miż-żona tar-responsabbiltà tagħha, hija għandha tiegħu dawn il-passi hekk kif inhuma xierqa fiċ-ċirkostanzi:

- a) tinforma lill-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li sservi l-ispazju tal-ajru li fiha qed titwettaq l-interċettazzjoni, ttiprovdi lil din l-unità bl-informazzjoni disponibbli li se tgħin fl-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru u titlobha tiegħu azzjoni skont il-1.5.2.1;
- b) tittrażmetti l-messaġġi bejn l-inġenju tal-ajru interċettat u l-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru xierqa, l-unità ta' kontroll tal-interċettazzjoni jew l-inġenju tal-ajru ta' interċettazzjoni.

Kapitolu 2 — Servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru

2.1 Applikazzjoni

2.1.1 Is-servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għandu jiġi pprovdut:

- a) għat-titjiriet IFR kollha fil-Klassijiet ta' spazju tal-ajru A, B, Ċ, D u E;
- a) għat-titjiriet VFR kollha fil-Klassijiet ta' spazju tal-ajru B, Ċ, D;
- ċ) għat-titjiriet VFR speċjali kollha;
- d) għat-traffiku tal-ajrudom kollu f'ajrudromi kkontrollati.

2.2 Operazzjoni ta' servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru

2.2.1 Sabiex ttiprovdi servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru, unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għandha:

- a) tiġi pprovduta b'informazzjoni dwar il-moviment ippjanat ta' kull inġenju tal-ajru, jew varjazzjonijiet minnhom, u b'informazzjoni kurrenti dwar il-progress reali ta' kull inġenju tal-ajru;
- b) tiddetermina mill-informazzjoni riċevuta, il-pożizzjonijiet rilevanti għal xulxin ta' inġenji tal-ajru magħrufa;
- ċ) toħroġ awtorizzazzjonijiet u informazzjoni għall-iskop li tiġi evitata l-kollizzjoni bejn żewġ inġenji tal-ajru taħt il-kontroll tagħha u biex tħaffef u żżomm fluss ta' traffiku ordnat;
- d) tikkoordina awtorizzazzjonijiet ma' unitajiet oħra kif ikun meħtieġ:
 - 1) kull meta inġenju tal-ajru jista' b'xi mod joħloq kunflitt mat-traffiku operat taħt il-kontroll ta' unitajiet oħra bħal dawn;
 - 2) qabel tittrasferixxi l-kontroll ta' inġenju tal-ajru lil unitajiet oħra bħal dawn.

2.2.2 L-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-unitajiet ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għandhom jipprovdu separazzjoni:

- a) bejn it-titjiriet kollha fil-Klassijiet ta' spazju tal-ajru A u B;
- b) bejn it-titjiriet IFR fil-Klassijiet ta' spazju tal-ajru C, D u E;
- c) bejn it-titjiriet IFR u t-titjiriet VFR fil-Klassi ta' spazju tal-ajru C;
- d) bejn it-titjiriet IFR u t-titjiriet VFR speċjali;
- e) bejn it-titjiriet VFR speċjali sakemm ma jkunx preskritt mod ieħor mill-awtorità kompetenti;

ħlief li, meta jkun mitlub mill-bdot ta' inġenju tal-ajru u aċċettat mill-bdot tal-inġenju tal-ajru l-ieħor u jekk preskritt b'dan il-mod mill-awtorità kompetenti għall-każijiet imniżżla taħt b) 'il fuq fil-Klassijiet ta' spazju tal-ajru D u E, titjira tista' tiġi awtorizzata sakemm din iżżomm is-separazzjoni proprja fir-rigward ta' parti speċifika tat-titjira taħt it-3 050 m (10 000 pied) matul it-tluġh jew l-inżul, matul il-jum fil-kundizzjonijiet meteoroloġiċi viżwali.

2.2.3 Ħlief għall-każijiet fejn fil-viċinanza ta' ajrudromi jista' jiġi applikat tnaqqis fil-valuri minimi ta' separazzjoni, għandha tinkiseb separazzjoni minn unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru mill-anqas minn wieħed li ġejjin:

- a) separazzjoni vertikali, li tinkiseb billi jiġu assenjati livelli differenti mit-tabella tal-veloċitajiet regolari li tinsab fl-Appendiċi 2 għall-Anness ta' dan ir-Regolament, ħlief li l-korrelazzjoni tal-livelli mal-linji kif preskritt hemmhekk, m'għandhiex tapplika kull meta jkun indikat mod ieħor f'pubblikazzjonijiet ta' informazzjoni ajrunawtika jew f'awtorizzazzjonijiet ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru. Il-valur minimu ta' separazzjoni vertikali għandu jkun nominali ta' 300 m (1 000 pied) sa u inkluż l-FL 410 u nominali ta' 600 m (2 000 pied) 'il fuq minn dan il-livell;
- b) separazzjoni orizzontali, li tinkiseb billi tiġi pprovduta:
 - 1) separazzjoni lonġitudinali, billi jinżamm intervall bejn l-inġenju tal-ajru li qed jopera tul it-trajettorji ugwali, konverġenti jew reċiproċi, espressi f'ħin jew f'distanza; jew
 - 2) separazzjoni laterali, billi l-inġenju tal-ajru jinżamm fuq rotot differenti jew f'żoni ġeografiki differenti.

2.3 Valuri minimi ta' separazzjoni

2.3.1 L-għażla tal-valuri minimi ta' separazzjoni għall-applikazzjoni f'parti speċifika ta' spazju tal-ajru għandha ssir mill-ANSP responsabbli għall-forniment ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru u trid tiġi approvata mill-awtorità kompetenti kkonċernata.

2.3.2 Għat-traffiku li se jgħaddi minn spazju tal-ajru ġar għall-ieħor u għar-rotot li huma eqreb lejn il-fruntiera komuni tal-ispazji tal-ajru ġirien milli mill-valuri minimi ta' separazzjoni applikabbli fiċ-ċirkostanzi, l-għażla tal-valuri minimi għandha ssir f'konsultazzjoni bejn l-ANSPs li huma responsabbli għall-forniment ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru fi spazju tal-ajru ġar.

2.3.3 Id-dettalji tal-valuri minimi ta' separazzjoni u taż-żoni ta' applikazzjoni tagħhom għandhom jiġu nnotifikati:

- a) lill-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru kkonċernati; u
- b) lill-bdoti u l-operaturi ta' inġenji tal-ajru permezz ta' pubblikazzjonijiet ta' informazzjoni ajrunawtika, fejn is-separazzjoni hija bbażata fuq l-użu li jagħmel inġenju tal-ajru minn għajnuniet ta' navigazzjoni speċifikati jew tekniki ta' navigazzjoni speċifikati.

2.4 Awtorizzazzjonijiet ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru

- 2.4.1 L-awtorizzazzjonijiet ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għandhom jiġu bbażati biss fuq ir-rekwiżiti għall-forniment ta' servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru.
- 2.4.2 Kontenut tal-awtorizzazzjonijiet
- 2.4.2.1 Awtorizzazzjoni ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għandha tindika:
- l-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru kif muri fil-pjan tat-titjira;
 - limitu ta' awtorizzazzjoni;
 - rotta tat-titjira;
 - livell(i) ta' titjir għar-rotta sħiħa jew parti tagħha u l-bidliet fil-livelli jekk ikun meħtieġ;
 - kull istruzzjoni jew informazzjoni meħtieġa dwar kwistjonijiet oħra bħall-manuvri ta' avviċinament jew ta' tluq, komunikazzjonijiet u l-ħin ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni.
- 2.4.3 Awtorizzazzjonijiet għal titjira transonika
- 2.4.3.1 L-awtorizzazzjoni ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru relatata mal-fażi ta' aċċelerazzjoni transonika ta' titjira supersonika għandha testendi mill-anqas sat-tmiem din il-fażi.
- 2.4.3.2 L-awtorizzazzjoni tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru relatata mad-deċelerazzjoni u l-inżul ta' inġenju tal-ajru minn veloċità supersonika għal titjir subsoniku għandha tipprova tipprovdi għall-inżul mhux interrott matul il-fażi transonika.
- 2.4.4 Il-qari b'lura ta' awtorizzazzjonijiet u informazzjoni relatata mas-sigurtà
- 2.4.4.1 L-ekwipaġġ tat-titjira għandu jaqra b'lura lill-kontrollur tat-traffiku tal-ajru partijiet relatati mas-sigurtà ta' awtorizzazzjonijiet u struzzjonijiet tal-ATC li jiġu trażmessi bil-vuċi. Dawn il-punti li ġejjin għandhom dejjem jinqraw b'lura:
- awtorizzazzjonijiet tal-ATC għar-rotot;
 - awtorizzazzjonijiet u struzzjonijiet biex l-inġenju tal-ajru jidħol, jinżel fuq, jitlaq minn, jieqaf qabel, jaqsam, jinstaq u jmur lura fuq kwalunkwe *runway*; u
 - runway* li qed tintuża, l-issettjar tal-altimetru, kodiċijiet SSR, kanali ta' komunikazzjoni li għandhom kif ġew assenjati, istruzzjonijiet tal-livell, istruzzjonijiet tad-direzzjoni u tal-veloċità; u
 - livelli ta' tranżizzjoni, kemm jekk maħruġa mill-kontrollur kif ukoll jekk jinstabu fix-xandiriet tal-ATIS.
- 2.4.1.1 Awtorizzazzjonijiet u struzzjonijiet oħra, inklużi awtorizzazzjonijiet kundizzjonali u struzzjonijiet tas-sewqan, għandhom jinqraw b'lura jew rikonoxxuti b'mod li jindika li jkunu nftemu u li se jiġu rispettati.
- 2.4.4.1.2 Il-kontrollur għandu jisma' l-qari b'lura biex jaċċerta ruħu li l-awtorizzazzjoni jew l-istruzzjoni ġiet rikonoxxuta b'mod korrett mill-ekwipaġġ tat-titjira u għandu jieħu azzjoni immedjata biex jikkoreġi kull diskrepanza li tiġi żvelata mill-qari b'lura.
- 2.4.4.2 Il-qari b'lura ta' messaġġi CPDLC bil-vuċi m'għandux ikun meħtieġ, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor mill-ANSP.
- 2.4.5 Koordinazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet
- 2.4.5.1 Awtorizzazzjoni ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għandha tiġi koordinata bejn l-unitajiet ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru sabiex tkopri r-rotta kollha ta' inġenju tal-ajru jew parti speċifikata tagħha kif deskritt fid-dispożizzjonijiet 2.4.5.1.1 sa 2.4.5.4.

- 2.4.5.1.1 Inġenju tal-ajru għandu jingħata awtorizzazzjoni għar-rotta kollha lejn l-ajrudrom fejn hu maħsub li se jitwettaq l-ewwel inżul:
- meta kien possibbli, qabel it-tluq, biex tiġi kkoordinata l-awtorizzazzjoni bejn l-unitajiet kollha li l-inġenju tal-ajru se jkun taħt il-kontroll tagħhom; jew
 - meta jkun hemm assigurazzjoni xierqa li l-koordinazzjoni minn qabel se titwettaq bejn dawk l-unitajiet li l-inġenju tal-ajru se jkun sussegwentement taħt il-kontroll tagħhom.
- 2.4.5.2 Meta l-koordinazzjoni speċifikata f'2.4.5.1.1 ma tintlaħaqx jew mhux mistennija, l-inġenju tal-ajru għandu jingħata awtorizzazzjoni biss sa dak il-punt fejn il-koordinazzjoni hija assigurata b'mod raġonevoli; qabel ma jasal f'dan il-punt, jew meta jkun f'dan il-punt, l-inġenju tal-ajru għandu jirċievi awtorizzazzjoni oħra, u jimxi mal-istruzzjonijiet mogħtija kif ikun xieraq.
- 2.4.5.2.1 Meta jkun preskritt mill-unità tal-ATS, l-inġenji tal-ajru għandhom jagħmlu kuntatt mal-unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru *downstream*, għall-għan li jirċievu awtorizzazzjoni *downstream* qabel ma jseħħ it-trasferiment tal-punt ta' kontroll.
- 2.4.5.2.1.1 L-inġenji tal-ajru għandhom iżommu l-komunikazzjoni bidirezzjonali meħtieġa mal-unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru kurrenti filwaqt li jiksibu awtorizzazzjoni *downstream*.
- 2.4.5.2.1.2 Awtorizzazzjoni maħruġa bħala awtorizzazzjoni *downstream* għandha tkun identifikabbli b'mod faċli bħala tali mill-bdot.
- 2.4.5.2.1.3 Sakemm ma jkunux ikkoordinati, l-awtorizzazzjonijiet *downstream* m'għandhomx jaffettwaw il-profil oriġinali tat-titjira tal-inġenju tal-ajru f'kull spazju tal-ajru, minbarra dak tal-unità ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru li hija responsabbli għat-twassil tal-awtorizzazzjoni *downstream*.
- 2.4.5.3 Meta inġenju tal-ajru jkollu l-intenzjoni li jitlaq minn ajrudrom f'żona kkontrollata sabiex jidhul f'żona kkontrollata oħra fi żmien tletin minuta, jew perjodu speċifikat ta' ħin ieħor kif ġie miftiehem bejn iċ-ċentri ta' kontroll taż-żona kkonċernati, il-koordinazzjoni maċ-ċentru ta' kontroll taż-żona sussegwenti għandha titwettaq qabel ma tinħareġ l-awtorizzazzjoni tat-tluq.
- 2.4.5.4 Meta inġenju tal-ajru jkollu l-intenzjoni li jitlaq minn żona ta' kontroll sabiex itir 'il barra minn spazju tal-ajru kkontrollat, u sussegwentement jerġa' jidhul fl-istess jew f'żona ta' kontroll oħra, tista' tinħareġ awtorizzazzjoni mill-punt ta' tluq lejn l-ajrudrom fejn hu maħsub li se jitwettaq l-ewwel inżul. Tali awtorizzazzjoni jew reviżjonijiet tagħhom għandhom japplikaw biss għal dawk il-partijiet tat-titjira mwettqa fi spazju tal-ajru kkontrollat.

2.5 Kontroll ta' persuni u vetturi f'ajrudromi

- 2.5.1 Il-moviment ta' persuni jew vetturi, inklużi inġenji tal-ajru rmunkati, fuq iż-żona ta' mmanuvrar ta' ajrudrom għandu jiġi kkontrollat mit-torri ta' kontroll ta' ajrudrom kif ikun meħtieġ sabiex jiġi evitat periklu għalihom jew għall-inżul, is-sewqan jew it-tluq ta' inġenju tal-ajru.
- 2.5.2 F'kundizzjonijiet fejn huma fis-seħħ proċeduri ta' viżibilità baxxa:
- il-persuni jew il-vetturi li joperaw fuq iż-żona ta' mmanuvrar ta' ajrudrom għandhom jiġu ristretti għall-minimu essenzjali, u għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-reqwiziti biex jipproteġu ż-żona(i) sensitiva(i) tal-ILS/MLS meta jkunu qed jitwettqu operazzjonijiet b'istrument ta' preċiżjoni tal-Kategorija II jew III;
 - soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-2.5.3, il-valur minimu ta' separazzjoni bejn il-vetturi u s-sewqan tal-ajrudrom għandu jkun kif speċifikat mill-ANSP, u approvat mill-awtorità kompetenti b'kont meħud tal-għajnuniet disponibbli;
 - meta operazzjonijiet ILS jew MLS imħallta b'istrument ta' preċiżjoni tal-Kategorija II jew tal-Kategorija III jkunu qed iseħħu fl-istess *runway* kontinwament, l-aktar żoni ILS jew MLS restrittivi li huma sensitivi u kritiċi għandhom jiġu protetti.

- 2.5.3 Vetturi ta' emerġenza li jkunu qed jipproċedu sabiex imorru jassistu ingenu tal-ajru li jkun f'periklu għandhom jingħataw prijorità fuq kull traffiku ieħor ta' moviment fuq il-wiċċ.
- 2.5.4 Soġġetti għad-dispożizzjonijiet tat-2.5.3, il-vetturi li jkunu fuq iż-żona ta' mmanuvrar għandhom ikunu meħtieġa li jħarsu r-regoli li ġejjin:
- il-vetturi u l-vetturi li qed jirmunkaw ingenu tal-ajru għandhom jagħtu spazju lil ingeni tal-ajru li qed iwettqu nżul, tluġh jew jinstaqu;
 - il-vetturi għandhom jagħtu spazju lil vetturi oħra li qed jirmunkaw ingenu tal-ajru;
 - il-vetturi għandhom jagħtu spazju lil vetturi oħra skont l-istruzzjonijiet tal-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru;
 - minkejja d-dispożizzjonijiet ta' a), b) u ċ), il-vetturi u l-vetturi li qed jirmunkaw ingenu tal-ajru għandhom iħarsu l-istruzzjonijiet maħruġa mit-torri ta' kontroll tal-ajrudrom.

2.6 VFR speċjali f'żoni kkontrollati

- 2.6.1 Titjiriet VFR speċjali jistgħu jiġu awtorizzati biex joperaw f'żona kkontrollata, soġġetti għal awtorizzazzjoni tal-ATC. Ħlief meta dan ikun permess mill-awtorità kompetenti għall-ħelikopters f'każijiet speċjali bħal titjiriet mediċi, operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ u tifi tan-nar, il-kundizzjonijiet addizzjonali li ġejjin għandhom jiġu applikati:
- mill-bdot:
 - mingħajr sħab fl-ajru u bil-wiċċ ikun jidher;
 - il-viżibilità tat-titjira ma tkunx anqas minn 1 500 m jew, għall-ħelikopters, mhux anqas minn 800 m;
 - f'veloċità ta' 140 kts IAS jew anqas biex tingħata opportunità xierqa biex jiġi osservat traffiku ieħor u kull ostaklu fil-ħin biex tiġi evitata kollizzjoni miegħu; u
 - mill-ATC:
 - matul il-jum biss, sakemm ma jkunx permess mod ieħor mill-awtorità kompetenti;
 - il-viżibilità tal-art ma tkunx anqas minn 1 500 m jew, għall-ħelikopters, mhux anqas minn 800 m;
 - il-limitu ma jkunx anqas minn 180 m (600 pied).

Kapitolu 3 — Servizz ta' informazzjoni dwar it-titjira

3.1 Applikazzjoni

- 3.1.1 Is-servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir għandu jiġi pprovdut mill-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru xierqa lil ingeni tal-ajru kollha li x'aktarx ikunu affettwati mill-informazzjoni u li huma:
- ipprovduti b'servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru; jew
 - magħrufa mal-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru rilevanti.
- 3.1.2 Ir-riċeviment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjir ma tissollevax lill-bdot fil-kmand ta' ingenu tal-ajru minn kull responsabbiltà u l-bdot fil-kmand għandu jieħu d-deċizzjoni finali dwar kwalunkwe tibdil suġġerit fil-pjan tat-titjira.
- 3.1.3 Fejn l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jipprovdu kemm servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir kif ukoll servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru, il-forniment tas-servizz ta' kontroll tat-

traffiku tal-ajru għandu jkollu preċedenza fuq il-forniment ta' servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir, kull meta l-forniment ta' servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru jkun jeħtieġ dan.

3.2 Kamp ta' applikazzjoni ta' servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir

3.2.1 Servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir għandu jinkludi l-forniment ta':

- a) informazzjoni SIGMET u AIRMET;
 - b) informazzjoni dwar attività ta' pre-eruzzjoni vulkanika, eruzzjonijiet vulkaniċi u sħab ta' rmied volkaniku;
 - ċ) informazzjoni dwar ir-rilaxx fl-atmosfera ta' materjali radjuattivi jew sustanzi kimiċi tossiċi;
 - d) informazzjoni dwar tibdiliet fid-disponibilità ta' servizzi ta' navigazzjoni bir-radju;
 - e) informazzjoni dwar tibdiliet fil-kundizzjonijiet ta' ajrudromi u l-faċilitajiet assoċjati magħhom, inkluża informazzjoni dwar l-istat taż-żoni ta' moviment ta' ajrudrom meta dawn ikunu affettwati minn borra, silġ jew fond sinifikanti ta' ilma;
 - f) informazzjoni dwar blalen tal-arja ħielsa u mingħajr ekwipaġġ;
- u kull informazzjoni oħra rilevanti li x'aktarx taffettwa s-sigurtà.

3.2.2 Servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir li jiġi provdut lil titjiriet għandu jinkludi, minbarra dak speċifikat fit-3.2.1, il-forniment ta' informazzjoni dwar:

- a) il-kundizzjonijiet tat-temp irrappurtati jew it-tbassir fl-ajrudromi ta' tluq, ta' destinazzjoni u alternattivi;
- b) il-perikli ta' kollizzjonijiet, għall-inġenji tal-ajru li joperaw fil-Klassijiet ta' spazju tal-ajru Ċ, D, E, F u G;
- ċ) għal titjiriet fuq żoni ta' ilma, sa fejn ikun prattikabbli u meta jkun mitlub minn bdot, kull informazzjoni disponibbli bħal sinjali ta' sejħiet bir-radju, pożizzjoni, trajettorja vera, veloċità, eċċ, ta' bastimenti tal-wiċċ fiż-żona.

3.2.3 Servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir li jiġi pprovdut lil titjiriet VFR għandu jinkludi, minbarra dak speċifikat fit-3.2.1, il-forniment ta' informazzjoni disponibbli dwar il-kundizzjonijiet tat-traffiku u t-temp tul ir-rota li x'aktarx se jwasslu biex l-operazzjoni taħt ir-regoli tat-titjir viżwali tkun imprattikabbli.

3.3 Servizz ta' Informazzjoni b'Terminal Awtomatiku (ATIS)

3.3.1 L-użu tal-messaġġi tal-ATIS f'trażmissjonijiet ta' talba/risposta diretti

3.3.1.1 Meta jkun mitlub mill-bdot, il-messaġġ(i) ta-ATIS applikabbli għandu/għandhom jiġi(u) trażmess(i) mill-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru xierqa.

3.3.1.2 Kull meta jiġu pprovduti Vuċi-ATIS u/jew D-ATIS:

- a) l-inġenji tal-ajru għandhom jirrikonoxxu li rċevew l-informazzjoni meta jistabbilixxu komunikazzjoni mal-unità tal-ATS li tipprovdi servizz ta' kontroll tal-avviċinament, it-torri ta' kontroll tal-ajrudrom jew is-Servizz ta' Informazzjoni dwar it-Titjir tal-Ajrudrom (AFIS), kif ikun xieraq; u
- b) l-unità tas-servizzi ta' traffiku tal-ajru xierqa għandha, meta twieġeb lil inġenju tal-ajru li rrikonoxxa li rċieva messaġġ tal-ATIS jew, fil-każ ta' inġenji tal-ajru li jkun qed jasal, fi kwalunkwe ħin ieħor kif jista' jkun preskritt mill-awtorità kompetenti, tipprovdi lill-inġenju tal-ajru bl-issettjar tal-altimetru kurrenti.

- 3.3.1.3 L-informazzjoni inkluża f' ATIS kurrenti, li r-riċevuta tagħha tkun ġiet rikonoxxuta mill-inġenju tal-ajru kkonċernat, m'għandhiex għalfejn tiġi inkluża f' trażmissjoni diretta lill-inġenju tal-ajru, minbarra l-issettjar tal-altimetru, li għandu jiġi pprovdut skont it-3.3.1.2.
- 3.3.1.4 Jekk inġenju tal-ajru jirrikonoxxi r-riċevuta ta' ATIS li m'għadhiex kurrenti, kull element ta' informazzjoni li jrid jiġi aġġornat, għandu jiġi trażmess lill-inġenju tal-ajru mingħajr dewmien.
- 3.3.2 ATIS għall-inġenji tal-ajru li qed jaslu u li qed jitolqu
- 3.3.2.1 Il-messaġġi tal-ATIS li jinkludu informazzjoni dwar il-wasla u t-tluq għandhom jinkludu l-elementi ta' informazzjoni li ġejjin fl-ordni li jsegwi:
- a) isem tal-ajrudrom;
 - b) indikatur tal-wasla u/jew tat-tluq;
 - ċ) tip ta' kuntratt, jekk il-komunikazzjoni ssir permezz ta' D-ATIS;
 - d) deżinjatur;
 - e) il-ħin tal-osservazzjoni, jekk ikun xieraq;
 - f) it-tip ta' avviċinament(i) li għandu/għandhom ikun(u) mistenni(ja);
 - g) ir-*runway(s)* li qed tintuża/jintużaw; l-istatus tas-sistema ta' twaqqif li tikkostitwixxi periklu potenzjali, jekk ikun hemm;
 - h) il-kundizzjonijiet sinifikanti tal-wiċċ tar-*runway* u, jekk ikun xieraq, l-azzjoni ta' bbrejkjar;
 - i) id-dewmien fiż-żamma, jekk ikun xieraq;
 - j) il-livell ta' tranżizzjoni, jekk ikun applikabbli;
 - k) informazzjoni operattiva essenzjali oħra;
 - l) il-veloċità u d-direzzjoni tar-riħ ta' fuq il-wiċċ, inklużi l-varjazzjonijiet sinifikanti u, jekk ikunu disponibbli sensers tar-riħ ta' fuq il-wiċċ relatati speċifikament mas-sezzjonijiet ta' *runway(s)* li qed jintużaw u l-informazzjoni tkun meħtieġa mill-operaturi ta' inġenji tal-ajru, l-indikazzjoni tar-*runway* u s-sezzjoni tar-*runway* li l-informazzjoni tirreferi għaliha;
 - m) il-viżibilità u, fejn ikun applikabbli, l-RVR; ⁽³⁾
 - n) it-temp preżenti; (*)
 - o) sħaba taħt l-1 500 m (5 000 pied) jew taħt l-ogħla valur minimu tal-altitudni tas-settur, liema minnhom tkun l-akbar; *cumulonimbus*; jekk is-sema tkun mgħottija, il-viżibilità vertikali meta tkun disponibbli; (*)
 - p) it-temperatura tal-arja;
 - q) it-temperatura fejn tiffirma n-nida;
 - r) l-issettjar tal-altimetru;
 - s) kull informazzjoni disponibbli dwar fenomeni meteoroloġiċi sinifikanti fiż-żoni ta' avviċinament u tluġh inkluż dwar riħ qawwi trasversali, u informazzjoni dwar temp reċenti li għandu sinifikat operattiv;
 - t) xejra tat-tbassir, meta tkun disponibbli; u
 - u) iSTRUZZJONIJET TAL-ATIS speċifiċi.

³ *) Dawn l-elementi ġew sostitwiti mit-terminu 'CAVOK' meta l-kundizzjonijiet li ġejjin iseħħu simultanament matul l-osservazzjoni: a) il-viżibilità, 10 km jew aktar, u l-viżibilità l-aktar baxxa mhux irrappurtata; b) l-ebda sħaba ta' sinifikat operattiv; u ċ) l-ebda temp ta' sinifikat għall-avjazzjoni.

3.3.3 ATIS għall-inġenji tal-ajru li qed jaslu

3.3.3.1 Il-messaġġi tal-ATIS li jinkludu informazzjoni dwar il-wasla biss għandhom jinkludu l-elementi ta' informazzjoni li ġejjin fl-ordni li jsegwi:

- a) isem tal-ajrudrom;
- b) indikatur tal-wasla;
- ċ) tip ta' kuntratt, jekk il-komunikazzjoni ssir permezz ta' D-ATIS;
- d) deżinjatur;
- e) il-ħin tal-osservazzjoni, jekk ikun xieraq;
- f) it-tip ta' avviċinament(i) li għandu/għandhom ikun(u) mistenni(ja);
- g) ir-*runway(s)* prinċipali għall-inżul; l-istatus tas-sistema ta' twaqqif li tikkostitwixxi periklu potenzjali, jekk ikun hemm;
- h) il-kundizzjonijiet sinifikanti tal-wiċċ tar-*runway* u, jekk ikun xieraq, l-azzjoni ta' bbrejkjar;
- i) id-dewmien fiż-żamma, jekk ikun xieraq;
- j) il-livell ta' tranżizzjoni, jekk ikun applikabbli;
- k) informazzjoni operattiva essenzjali oħra;
- l) il-veloċità u d-direzzjoni tar-riħ ta' fuq il-wiċċ, inklużi l-varjazzjonijiet sinifikanti u, jekk ikunu disponibbli sensers tar-riħ ta' fuq il-wiċċ relatati speċifikament mas-sezzjonijiet ta' *runway(s)* li qed jintużaw u l-informazzjoni tkun meħtieġa mill-operaturi ta' inġenji tal-ajru, l-indikazzjoni tar-*runway* u s-sezzjoni tar-*runway* li l-informazzjoni tirreferi għaliha;
- m) il-viżibilità u, fejn ikun applikabbli, l-RVR; (*)
- n) it-temp preżenti; (4)
- o) sħaba taħt l-1 500 m (5 000 pied) jew taħt l-ogħla valur minimu tal-altitudni tas-settur, liema minnhom tkun l-akbar; *cumulonimbus*; jekk is-sema tkun mgħottija, il-viżibilità vertikali meta tkun disponibbli; (*)
- p) it-temperatura tal-arja;
- q) it-temperatura fejn tiffirma n-nida;
- r) l-issettjar tal-altimetru;
- s) kull informazzjoni disponibbli dwar fenomeni meteoroloġiċi sinifikanti fiż-żona ta' avviċinament u inkluż dwar riħ qawwi trasversali, u informazzjoni dwar temp reċenti li għandu sinifikat operattiv;
- t) xejra tat-tbassir, meta tkun disponibbli; u
- u) istruzzjonijiet tal-ATIS speċifiċi.

3.3.4 ATIS għall-inġenji tal-ajru li qed jitolqu

3.3.4.1 Il-messaġġi tal-ATIS li jinkludu informazzjoni dwar it-tluq biss għandhom jinkludu l-elementi ta' informazzjoni li ġejjin fl-ordni li jsegwi:

- a) isem tal-ajrudrom;

⁴ *) Dawn l-elementi ġew sostitwiti mit-terminu 'CAVOK' meta l-kundizzjonijiet li ġejjin iseħħu simultanament matul l-osservazzjoni: a) il-viżibilità, 10 km jew aktar, u l-viżibilità l-aktar baxxa mhux irrappurtata; b) l-ebda sħaba ta' sinifikat operattiv; u ċ) l-ebda temp ta' sinifikat għall-avjazzjoni.

- b) indikatur tat-tluq;
- ċ) tip ta' kuntratt, jekk il-komunikazzjoni ssir permezz ta' D-ATIS;
- d) deżinjatur;
- e) il-ħin tal-osservazzjoni, jekk ikun xieraq;
- g) ir-*runway(s)* li għandhom jintużaw għat-tluġ; l-istatus tas-sistema ta' twaqqif li tikkostitwixxi periklu potenzjali, jekk ikun hemm;
- g) kundizzjonijiet tal-wiċċ sinifikanti tar-*runway(s)* li se tintuża/jintużaw għat-tluġ u, fejn ikun xieraq, l-azzjoni ta' bbrejkjar;
- h) id-dewmien fit-tluq, jekk ikun xieraq;
- i) il-livell ta' tranżizzjoni, jekk ikun applikabbli;
- j) informazzjoni operattiva essenzjali oħra;
- k) il-veloċità u d-direzzjoni tar-riħ ta' fuq il-wiċċ, inklużi l-varjazzjonijiet sinifikanti u, jekk sensers tar-riħ ta' fuq il-wiċċ relatati speċifikament mas-sezzjonijiet ta' *runway(s)* li qed jintużaw ikunu disponibbli u l-informazzjoni tkun meħtieġa mill-operaturi ta' inġenji tal-ajru, l-indikazzjoni tar-*runway* u s-sezzjoni tar-*runway* li l-informazzjoni tirreferi għaliha;
- l) il-viżibilità u, fejn ikun applikabbli, l-RVR; (*)
- m) it-temp preżenti; (5)
- n) sħaba taħt l-1 500 m (5 000 pied) jew taħt l-oġhla valur minimu tal-altitudni tas-settur, liema minnhom tkun l-akbar; *cumulonimbus*; jekk is-sema tkun mgħottija, il-viżibilità vertikali meta tkun disponibbli; (*)
- o) it-temperatura tal-arja;
- p) it-temperatura fejn tifforma n-nida;
- q) l-issettjar tal-altimetru;
- r) kull informazzjoni disponibbli dwar fenomeni meteoroloġiċi sinifikanti fiż-żoni ta' tluġ inkluż dwar riħ qawwi trasversali;
- s) xejra tat-tbassir, meta tkun disponibbli; u
- t) istruzzjonijiet tal-ATIS speċifiċi.

Kapitolu 4 — Servizz ta' twissija

4.1 Applikazzjoni

4.1.1 Is-servizz ta' twissija għandu jiġi pprovdut mill-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru:

- a) għall-inġenji tal-ajru kollha li huma pprovduti b'servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru;
- b) sa fejn ikun prattikabbli, lill-inġenji tal-ajru l-oħra kollha li ressqu pjan jew inkella li s-servizzi tat-traffiku tal-ajru jafu bihom; u
- ċ) lill-inġenji tal-ajru kollha jew li huma maħsuba li kienu soġġett għal interferenza illegali.

⁵ *) Dawn l-elementi ġew sostitwiti mit-terminu 'CAVOK' meta l-kundizzjonijiet li ġejjin iseħħu simultanament matul l-osservazzjoni: a) il-viżibilità, 10 km jew aktar, u l-viżibilità l-aktar baxxa mhux irrappurtata; b) l-ebda sħaba ta' sinifikat operattiv; u ċ) l-ebda temp ta' sinifikat għall-avjazzjoni.

4.2 Informazzjoni lill-inġenju tal-ajru li qed jopera fil-viċinanza ta' inġenju tal-ajru li jinsab fi stat ta' emerġenza

- 4.2.1 Meta unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru tkun stabbilit li inġenju tal-ajru jinsab fi stat ta' emerġenza, l-inġenji tal-ajru l-oħra li jinsabu fil-viċinanza tal-inġenju tal-ajru involut għandhom, ħlief kif provdut f'4.2.2, ikunu informati bin-natura tal-emerġenza hekk kif ikun prattikabbli.
- 4.2.2 Meta unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru taf jew taħseb li inġenju tal-ajru huwa soġġett għal interferenza illegali, l-ebda referenza m'għandha ssir fil-komunikazzjonijiet tal-ATS mill-ajru għall-art sakemm din ma tkunx ġiet imsemmija fil-komunikazzjonijiet mill-inġenju tal-ajru involut u jkun hemm ċertezza li tali referenza mhux se taggrava s-sitwazzjoni.

Kapitolu 5 — Servizzi relatati mal-meteoroloġija — Osservazzjonijiet u rapporti minn inġenju tal-ajru permezz ta' komunikazzjonijiet bil-vuċi

5.1 Tipi ta' osservazzjonijiet minn inġenju tal-ajru

- 5.1.1 Matul kull fażi tat-titjira għandhom jitwettqu l-osservazzjonijiet mill-inġenju tal-ajru li ġejjin:
- osservazzjonijiet speċjali mill-inġenju tal-ajru; u
 - osservazzjonijiet oħra mill-inġenju tal-ajru mhux ta' rutina.

5.2 Osservazzjonijiet speċjali mill-inġenju tal-ajru

- 5.2.1 L-inġenji tal-ajru għandhom iwettqu osservazzjonijiet speċjali kull meta jiltaqgħu ma' jew josservaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:
- turbolenza moderata jew qawwija; jew
 - formazzjoni ta' silġ moderata jew qawwija; jew
 - mewġa qawwija fuq muntanja;
 - tempesti, mingħajr silġ, li huma mgħottija, integrati, mifruxa jew f'linji ta' rifnu; jew
 - tempesti, bis-silġ, li huma mgħottija, integrati, mifruxa jew f'linji ta' rifnu, jew
 - maltempata bit-trab qawwija jew maltempata bir-ramel qawwija; jew
 - sħaba ta' rmied vulkaniku; jew
 - attività ta' pre-eruzzjoni vulkanika jew eruzzjoni vulkanika.
- 5.2.2 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippreskrivu kif inhu meħtieġ, il-kundizzjonijiet l-oħra li għandhom jiġu rrapportati mill-inġenji tal-ajru kollha meta jiltaqgħu magħhom jew josservawhom.

5.3 Osservazzjonijiet oħra mill-inġenju tal-ajru mhux ta' rutina

- 5.3.1 Meta inġenju tal-ajru jiltaqa' ma' kundizzjonijiet meteoroloġiċi oħra li mhumiex imniżżla taħt il-5.2.1 e.ż. riħ qawwi trasversali u li, skont l-opinjoni tal-bdot fil-kmand, jistgħu jaffettwaw is-sigurtà jew jolqtu sew l-effiċjenza ta' operazzjonijiet ta' inġenji tal-ajru oħra, il-bdot fil-kmand għandu jinforma lill-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru xieraq hekk kif ikun prattikabbli.

5.4 Rappurtar ta' osservazzjonijiet mill-inġenju tal-ajru permezz ta' komunikazzjoni bil-vuċi

- 5.4.1 L-osservazzjonijiet mill-inġenju tal-ajru għandhom jiġu rrapportati matul it-titjira fil-ħin li ssir l-osservazzjoni jew malajr wara kemm jista' jkun prattikabbli.

5.4.2 L-osservazzjonijiet mill-inġenju tal-ajru għandhom jiġu rrappurtati bħala rapporti dwar l-ajru u għandhom ikunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi inklużi fl-Appendiċi 5.

5.5 Skambju ta' rapporti dwar l-ajru

5.5.1 L-unitajiet tal-ATS għandhom jittrażmettu, malli jkun prattikabbli, rapporti dwar l-ajru speċjali u mhux ta' rutina lil:

- a) inġenji tal-ajru oħra kkonċernati;
- b) l-uffiċċju għall-ħarsien meteoroloġiku assoċjat (MWO); u
- ċ) unitajiet tal-ATS oħra kkonċernati.

5.5.2 It-trażmissjonijiet lil inġenji tal-ajru għandhom jiġu ripetuti b'frekwenza u jitkomplew għal perjodu ta' żmien li għandu jiġi stabbilit mill-unità tal-ATS ikkonċernata.

APPENDIĊI 4 — KLASSIJIET TA' SPAZJU TAL-AJRU TAL-ATS — SERVIZZI PPROVDUTI U REKWIŻITI TA' TITJIRA

(Parti B, Kapitolu 1, 1.2.1 tirriferi)

<i>Klassi</i>	<i>Tip ta' titjira</i>	<i>Separazzjoni Pprovduta</i>	<i>Servizz ipprovdut</i>	<i>Limitu veloċità (*) ta'</i>	<i>Komunikazzjoni bir-radju rekwiżit ta' kapaċità</i>	<i>Komunikazzjoni bidirezzjonali mill-ajru għall-art bil-vuċi meħtieġa</i>	<i>Soġġett għall-approvazzjoni tal-ATC</i>
A	IFR biss	L-inġenji tal-ajru kollha	Servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru	Mhux applikabbli	Iva	Iva	Iva
B	IFR	L-inġenji tal-ajru kollha	Servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru	Mhux applikabbli	Iva	Iva	Iva
	VFR	L-inġenji tal-ajru kollha	Servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru	Mhux applikabbli	Iva	Iva	Iva
Ċ	IFR	IFR minn IFR IFR minn VFR	Servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru	Mhux applikabbli	Iva	Iva	Iva
	VFR	VFR minn IFR	1) Servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għas-separazzjoni mill-IFR; 2) Informazzjoni dwar it-traffiku tal-VFR/VFR (u konsulenza dwar l-evitar tat-traffiku meta jkun mitlub)	250 kts IAS taħt 3 050 m (10 000 pied) AMSL	Iva	Iva	Iva

<i>Klassi</i>	<i>Tip ta' titjira</i>	<i>Separazzjoni Pprovduta</i>	<i>Servizz ipprovdut</i>	<i>Limitu veloċità (*) ta'</i>	<i>Komunikazzjoni bir-radju rekwiżit ta' kapaċità</i>	<i>Komunikazzjoni bidirezzjonali mill-ajru għall-art bil-vuċi meħtieġa</i>	<i>Soġġett għall-approvazzjoni tal-ATC</i>
D	IFR	IFR minn IFR	Servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru, informazzjoni tat-traffiku dwar it-titjiriet VFR (u konsulenza dwar l-evitar tat-traffiku meta jkun mitlub)	250 kts IAS taħt 3 050 m (10 000 pied) AMSL	Iva	Iva	Iva
	VFR	Xejn	informazzjoni dwar it-traffiku IFR/VFR u VFR/VFR (u konsulenza dwar l-evitar tat-traffiku meta jkun mitlub)	250 kts IAS taħt 3 050 m (10 000 pied) AMSL	Iva	Iva	Iva
E	IFR	IFR minn IFR	Servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru u, sa fejn ikun prattiku, informazzjoni tat-traffiku dwar it-titjiriet VFR	250 kts IAS taħt 3 050 m (10 000 pied) AMSL	Iva	Iva	Iva
	VFR	Xejn	Informazzjoni tat-traffiku sa fejn ikun prattiku	250 kts IAS taħt 3 050 m (10 000 pied) AMSL	Le (**)	Le (**)	Le
F	IFR	IFR minn IFR sa fejn ikun prattiku	Servizz ta' konsulenza dwar it-traffiku tal-ajru; servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir jekk ikun mitlub	250 kts IAS taħt 3 050 m (10 000 pied) AMSL	Iva (***)	Le (***)	Le

<i>Klassi</i>	<i>Tip ta' titjira</i>	<i>Separazzjoni Pprovduta</i>	<i>Servizz ipprovdut</i>	<i>Limitu veloċità (*) ta'</i>	<i>Komunikazzjoni bir-radju rekwiżit ta' kapaċità</i>	<i>Komunikazzjoni bidirezzjonali mill-ajru għall-art bil-vuċi meħtieġa</i>	<i>Soġġett għall-approvazzjoni tal-ATC</i>
	VFR	Xejn	Servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir jekk ikun mitlub	250 kts IAS taħt 3 050 m (10 000 pied) AMSL	Le (**)	Le (**)	Le
G	IFR	Xejn	Servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir jekk ikun mitlub	250 kts IAS taħt 3 050 m (10 000 pied) AMSL	Iva (**)	Le (**)	Le
	VFR	Xejn	Servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir jekk ikun mitlub	250 kts IAS taħt 3 050 m (10 000 pied) AMSL	Le (**)	Le (**)	Le

(*) Meta l-livell tal-altitudni ta' tranżizzjoni huwa anqas minn 3 050 m (10 000 pied) AMSL, l-FL 100 għandu jintuża minflok 10 000 pied.

(**) Il-bdoti għandhom jistabbilixxu għassa ta' komunikazzjoni kontinwa mill-ajru għall-art bill-vuċi u għandhom jistabbilixxu komunikazzjoni bidirezzjonali, kif ikun meħtieġ, fuq il-kanal ta' komunikazzjoni xieraq f'RMZ.

(***) Komunikazzjonijiet obligatorji mill-ajru għall-art bil-vuċi għal titjiriet li jipparteċipaw fis-servizz ta' konsulenza. Il-bdoti għandhom jistabbilixxu għassa ta' komunikazzjoni kontinwa mill-ajru għall-art bil-vuċi u għandhom jistabbilixxu komunikazzjoni bidirezzjonali, kif ikun meħtieġ, fuq il-kanal ta' komunikazzjoni xieraq f'RMZ.

APPENDIĊI 5

REKWIŻITI LI JIRRIGWARDAW IS-SERVIZZI FIN-NAVIGAZZJONI BL-AJRU SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI RELATATI MAL-OSSERVAZZJONIJIET U R- RAPPORTI TAL-INĠENJI TAL-AJRU PERMEZZ TA' KOMUNIKAZZJONIJIET BIL- VUĊI

1. KONTENUT TAR-RAPPORTI DWAR L-AJRU

1.1 RAPPORTI SPEĊJALI DWAR L-AJRU

1.1.1 L-elementi inklużi fir-rapporti speċjali dwar l-ajru għandhom ikunu:

Deżinjatur tat-tip tal-messaġġ

Taqsimi 1 (Informazzjoni dwar il-pożizzjoni)

Identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru

Pożizzjoni jew latitudni u lonġitudni

Fin

Livell jew firxa ta' livelli

Taqsimi 3 (Informazzjoni meteoroloġika)

Kundizzjonijiet li jitolbu l-ħruġ ta' rapport speċjali dwar l-ajru, li għandu jintgħażel mil-lista ppreżentata fil-Parti B, Kapitolu 5, paragrafu 5.2.1.

2. DIŻPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI RELATATI MA' RAPPORTAR TA' RIĦ QAWWI TRASVERSALI U TA' RMIED VULKANIKU

2.1 Rappurtar ta' riħ qawwi trasversali

2.1.1 Meta jiġu rappurtati osservazzjonijiet minn inġenji tal-ajru dwar riħ qawwi trasversali li jkun iltaqa' miegħu matul il-fażijiet ta' tluġh u avviċinament tat-titjira, it-tip ta' inġenju tal-ajru għandu jiġi inkluż.

2.1.2 Fejn il-bdot fil-kmand jirrapporta jew ibassar kundizzjonijiet ta' riħ qawwi trasversali fil-fażijiet ta' tluġh u avviċinament iżda ma jiltaqax magħhom, huwa għandu jinforma l-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru xierqa malli jkun prattikabbli sakemm ma jkunx jaf li l-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru xierqa diġà ġiet avżata dwar dan minn inġenju tal-ajru ta' qabel.

2.2 Rappurtar wara t-titjira ta' attività vulkanika

2.2.1 Mal-wasla ta' titjira f'ajrudrom, ir-rapport ikkompletat dwar l-attività vulkanika għandu jitwassal mingħajr dewmien, mill-operatur tal-inġenju tal-ajru jew membru tal-ekwipaġġ tat-titjira, lill-uffiċċju meteoroloġiku tal-ajrudrom, jew inkella f'każ li dan l-uffiċċju ma jkunx aċċessibbli b'mod faċli mill-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira li waslu, il-formula kkompletata għandha tiġi ttrattata skont l-arranġamenti lokali stabbiliti mill-awtorità meteoroloġika u l-operatur tal-inġenju tal-ajru.

2.2.2 Ir-rapport ikkompletat dwar l-attività vulkanika riċevut mill-uffiċċju meteoroloġiku għandu jiġi trazzmess mingħajr dewmien lill-uffiċċju għall-ħarsien meteoroloġiku responsabbli

mill-ħarsien meteoroloġiku għar-reġjun ta' informazzoni dwar it-titjir li fih ġiet osservata l-attività vulkanika.

Suppliment għall-Anness

Lista ta' differenzi miftiehma komunement għan-notifika tal-ICAO skont l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament:

PARTI B

**Differenzi bejn il-Parti B u l-Istandards Internazzjonali inklużi fl-Annessi 11 (it-tlelta-
edizzjoni, sa u inkluża l-Emenda 47-B) u 3 (is-sbatax-l edizzjoni, sa u inkluża l-Emenda 75)
għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali.**

<p>Differenza A11-01</p> <p>Anness 11 tal-ICAO Kapitolu 2</p>	<p>Dispożizzjoni ġdida. Ir-regolament tal-Unjoni, il-paragrafu 1.5.1.1.2, li huwa bbażat fuq l-Anness 11 tal-ICAO, il-paragrafu 2.24.1.1.1, Nota, jispeċifika:</p> <p>1.5.1.1.2 Ir-rekwiżiti f'd) u e) għandhom japplikaw ukoll għall-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li ġew informati skont ċ).</p>
<p>Differenza A11-02</p> <p>Anness 11 tal-ICAO Kapitolu 2</p>	<p>Dispożizzjoni ġdida. Ir-regolament tal-Unjoni, il-paragrafu 1.5.1.1.3, li huwa bbażat fuq l-Anness 11 tal-ICAO, il-paragrafu 2.24.1.1.2 u l-paragrafu 2.24.1.1, Nota, jispeċifika:</p> <p>1.5.1.1.3 Meta l-pożizzjoni tal-inġenju tal-ajru tiġi stabbilita, l-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandha:</p> <p>a) tgħarraf l-inġenju tal-ajru dwar il-pożizzjoni tiegħu u l-azzjoni korrettiva li għandha tittieħed. Dan it-tagħrif għandu jiġi provdut minnufih meta l-ATS ikun jaf li hemm il-possibbiltà ta' interċettazzjoni jew ta' xi periklu ieħor għas-sigurtà tal-inġenju tal-ajru; kif ukoll</p> <p>b) tipprovi, kif ikun meħtieġ, unitajiet tat-traffiku tal-ajru oħra u unitajiet militari xierqa b'informazzjoni rilevanti li tikkonċerna l-inġenju tal-ajru mitluf u b'kull parir mogħti lil dak l-inġenju tal-ajru partikolari.</p>
<p>Differenza A11-03</p> <p>Anness 11 tal-ICAO</p>	<p>Dispożizzjoni ġdida. Ir-regolament tal-Unjoni, il-paragrafu 1.5.1.3, li huwa bbażat fuq l-Anness 11 tal-ICAO, il-paragrafu 2.23.3, Nota 1, u l-paragrafu 2.24.1.3, jispeċifika:</p> <p>1.5.1.3 Fil-każ ta' inġenju tal-ajru mitluf jew mhux identifikat, il-possibbiltà tal-inġenju tal-ajru li huwa suġġett ta' interferenza illegali għandha tiġi kkunsidrata. Jekk l-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru tikkunsidra li inġenju</p>

<p>Kapitolu 2</p> <p>Differenza A11-04</p>	<p>tal-ajru mitluf jew mhux identifikat jista' jkun is-suġġett ta' interferenza illegali, l-awtorità kompetenti maħtura mill-Istat għandha tiġi infurmata minnufih, skont il-proċeduri miftiehma lokalment.</p> <p>Dispożizzjoni ġdida. Ir-regolament tal-Unjoni, paragrafu 2.2.2, jispeċifika:</p> <p>2.2.2 L-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-unitajiet ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għandhom jipprovdu separazzjoni:</p>
<p>Anness 11 tal-ICAO</p> <p>Kapitolu 3</p>	<p>a) bejn it-titjiriet kollha fil-Klassijiet ta' spazju tal-ajru A u B;</p> <p>b) bejn it-titjiriet IFR fil-Klassijiet ta' spazju tal-ajru Ċ, D u E;</p> <p>ċ) bejn it-titjiriet IFR u t-titjiriet VFR fil-Klassi ta' spazju tal-ajru Ċ;</p> <p>d) bejn it-titjiriet IFR u t-titjiriet VFR speċjali;</p> <p>e) bejn it-titjiriet VFR speċjali sakemm ma jkunx preskritt mod ieħor mill-awtorità kompetenti;</p>
<p>Differenza A11-05</p>	<p>ħlief li, meta mitlub mill-bdot ta' inġenju tal-ajru u aċċettat mill-bdot tal-inġenju tal-ajru l-ieħor u jekk preskritt b'dan il-mod mill-awtorità kompetenti għall-każijiet imniżżla taħt b) 'il fuq fil-Klassijiet ta' spazju tal-ajru D u E, titjira tista' tiġi awtorizzata sakemm din iżżomm is-separazzjoni proprja fir-rigward ta' parti speċifika tat-titjira taħt it-3 050 m (10 000 pied) matul it-tluġh jew l-inżul, matul il-jum fil-kundizzjonijiet meteoroloġiċi viżwali.</p>
<p>Anness 11 tal-ICAO</p>	<p>Ir-regolament tal-Unjoni, il-paragrafu 2.4.4.1, jispeċifika (biż-żieda tal-Istandard tal-ICAO fl-Anness 11, 3.7.3.1 tat-test issottolinjat):</p> <p>2.4.4 Il-qari b'lura ta' awtorizzazzjonijiet u informazzjoni relatata mas-sigurtà</p> <p>2.4.4.1 L-ekwipaġġ tat-titjira għandu jaqra b'lura lill-kontrollur tat-traffiku tal-ajru partijiet relatati mas-sigurtà minn awtorizzazzjonijiet u struzzjonijiet tal-ATC li jiġu trażmessi bil-vuċi. Dawn il-punti li ġejjin għandhom dejjem jinqraw b'lura:</p>

<p>Kapitolu 3</p>	<p>a) awtorizzazzjonijiet tal-ATC għar-rotot;</p> <p>b) awtorizzazzjonijiet u struzzjonijiet biex l-inġenju tal-ajru jidħol, jinżel fuq, jitlaq minn, jieqaf qabel, jaqsam, <u>jinstaq</u> u jmur lura fuq kwalunkwe <i>runway</i>; u</p> <p>c) <i>runway</i> li qed tintuża, l-issettjar tal-altimetru, kodiċijiet SSR, <u>kanali ta' komunikazzjoni li għadhom kif ġew assenjati</u>, istruzzjonijiet tal-livell, istruzzjonijiet tad-direzzjoni u tal-veloċità; u</p> <p>d) livelli ta' tranżizzjoni, kemm jekk maħruġa mill-kontrollur kif ukoll jekk jinstabu fix-xandiriet tal-ATIS.</p> <p>Ir-regolament tal-Unjoni, il-paragrafu 2.4.4.1.1, jispeċifika (biż-żieda tal-Istandard tal-ICAO fl-Anness 11, 3.7.3.1.1 tat-test issottolinjat):</p>
<p>Differenza A11-06</p> <p>Anness 11 tal-ICAO</p> <p>Kapitolu 3</p>	<p>2.4.1.1 Awtorizzazzjonijiet u struzzjonijiet oħra, inklużi awtorizzazzjonijiet kundizzjonali <u>u struzzjonijiet tas-sewqan</u>, għandhom jinqraw b'lura jew rikonoxxuti b'mod li jindika li jkunu nfehm u li se jiġu rispettati.</p> <p>Dispożizzjoni ġdida. Ir-regolament tal-Unjoni, paragrafu 2.6, jispeċifika:</p> <p>2.6 VFR speċjali f'żoni kkontrollati</p> <p>2.6.1 Titjiriet VFR speċjali jistgħu jiġu awtorizzati li joperaw f'żona kkontrollata, soġġetti għal awtorizzazzjoni tal-ATC. Ħlief meta dan ikun permess mill-awtorità kompetenti għall-ħelikopters f'każijiet speċjali bħal titjiriet mediċi, operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ u tifi tan-nar, il-kundizzjonijiet addizzjonali li ġejjin għandhom jiġu applikati:</p>
<p>Differenza A11-07</p> <p>Anness 11 tal-ICAO</p> <p>Kapitolu 3</p>	<p>a) mill-bdot:</p> <p>i) mingħajr sħab fl-ajru u bil-wiċċ ikun jidher;</p> <p>ii) il-viżibilità tat-titjira ma tkunx anqas minn 1 500 m jew, għall-ħelikopters, mhux anqas minn 800 m;</p> <p>iii) f'veloċità ta' 140 kts IAS jew anqas biex tingħata opportunità xierqa biex jiġi osservat traffiku ieħor u kull ostaklu fil-ħin biex tiġi evitata kollizzjoni miegħu; u</p> <p>b) mill-ATC:</p> <p>i) matul il-jum biss, sakemm ma jkunx permess mod ieħor mill-awtorità kompetenti;</p> <p>ii) il-viżibilità tal-art ma tkunx anqas minn 1 500 m jew, għall-ħelikopters, mhux anqas minn 800 m;</p> <p>iii) il-limitu ma jkunx anqas minn 180 m (600 pied).</p>

<p>Differenza A11-08 Anness 11 tal-ICAO Kapitolu 4</p> <p>Differenza A3-01 Anness 3 tal-ICAO Kapitolu 5</p>	<p>Dispożizzjoni ġdida. Ir-regolament tal-Unjoni, il-paragrafu 3.1.2, li huwa bbażat fuq l-Anness 11 tal-ICAO, il-paragrafu 4.1.1, Nota, jispeçifika:</p> <p>3.1.2 Ir-riċeviment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-titjir ma tissollewax lill-bdot fil-kmand ta' inġenju tal-ajru minn kull responsabbiltà u l-bdot fil-kmand għandu jieħu d-deċiżjoni finali dwar kwalunkwe tibdil suġġerit fil-pjan tat-titjira.</p> <p>Dispożizzjoni ġdida. Ir-regolament tal-Unjoni, paragrafu 5.2.2, jispeçifika:</p> <p>5.2.2 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippreskrivu kif inhu meħtieġ, il-kundizzjonijiet l-oħra li għandhom jiġu rrappurtati mill-inġenji tal-ajru kollha meta jiltaqgħu magħhom jew josservawhom.</p>
---	---